**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 9 ta' Mejju, 2019**

**Talba Nru: 448/2018PM1**

**Mapfre Middlesea p.l.c. (C5553)**

**Vs**

1. **Dr. Louis Montebello (KI 542971(M))**
2. **Michael Stockdale (KI 29544(A))**
3. **Carmen Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-ghaxra (10) ta' Settembru, 2018 permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet li l-intimati jew min minnhom jigu dikjarati responsabbli ghad-danni sofferti minnha bhala konsegwenza tal-incident datat tnejn (2) ta' Jannar, 2018 u dana ghar-ragunijiet moghtija fl-istess avviz senjatament li l-intimat Montebello huwa sid tal-appartamenti minn fejn waqa' l-hgieg fuq il-vettura assikurata mis-socjeta` attrici, l-intimat Stockdale huwa l-inkwilin filwaqt li l-intimata Zammit hija s-sub-inkilwina tal-istess proprjeta`, jigi dikjarat li s-somma ta' disa' mija hamsa u hamsin euro u tmienja u erbghin centezmi (€955.48) jew somma verjuri hija dovuta lis-socjeta` rikorrenti mill-intimati jew min minnhom; jigi ordnat li l-intimati jew min

minnhom ihallsu lis-socjeta` rikorrenti l-ammont imsemmi ta' disa' mija hamsa u hamsin euro u tmienja u erbghin centezmu (€955.48) jew somma ohra verjuri bl-ispejjez u drittijiet, kif ukoll bl-imghaxijiet legali sad-data tal-hlas effettiv.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz senjatament it-traduzzjoni tal-istess bil-lingwa Ingliza, ritratt u rapport tal-Pulizija Ezekuttiva relattivi ghall-incident *de quo, survey report* u ritratti annessi mal-istess, ricevuti relattivi ghall-hsara sofferta mis-socjeta` attrici.

Ra r-risposta datata tnax (12) ta' Novembru, elfejn u tmintax (2018) liema risposta giet sfilzata mill-atti permezz tad-digriet ta' dan it-Tribunal datata 28 ta' Frar, 2018.

Ra li waqt is-seduta tal-14 ta' Novembru, 2018 ir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici talab l-isfilz tar-risposta prezentata minn Dr. Louis Montebello peress illi giet prezentata tardivament u li l-avukata tal-intimat, filwaqt li opponiet ruhha ghal tali talba, talbet zmien sabiex tkun tista' tkellem lill-klijent taghha sabiex jekk ikun il-kaz jiggustifika l-posizzjoni tieghu.

Ra d-digriet datat 28 ta' Frar, 2019 li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemmhekk moghtija, it-Tribunal filwaqt li sab li l-intimat Dr. Louis Montebello huwa kontumaci laqa' t-talba attrici ghall-isfilz tar-risposta prezentata tardivament mill-istess intimat u rrizerva l-ispejjez ghall-gudizzju finali.

Ra li l-bqija tal-intimati gew debitament notifikati bil-procedura tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni fil-mori tas-seduti sussegwenti.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Joseph Zammit waqt is-seduta tat-tmienja (8) ta' Mejju, elfejn u dsatax (2019).

Illi mill-atti jirrizulta li, ghalkemm il-konvenuti Stockdale u Zammit gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheru ghas-seduta tat-8 t'April, 2019, tat-8 ta' Mejju, 2019 u lanqas ghas-seduta ta' llum. Jirrizulta wkoll li permezz tad-digriet datat 28 ta' Frar, 2019 l-intimat

Montebello gie dikjarat kontumaci u r-risposta tieghu, prezentata tardivament, giet sfilzata in kwantu prezentata tardivament u li l-istess intimat ukoll baqa' qatt ma deher quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-8 ta' Mejju, 2019 u fil-fatt l-intimati ma deherux sabiex jirrispondu ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi l-art. 13(b) tal-**Att dwar it-Talbiet Zghar** (Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi espressament li jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-ġudikatur jista' jiddeċiedi l-kawża fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri għandhom jgħoddu *mutatis mutandis*.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra mill-intimati, kif hemmhekk indikat, ghar-ragunijiet indikati fl-istess avviz. L-avviz tat-talba jindika lill-intimat Montebello bhala s-sid tal-fond li minnu waqa' l-hgieg fuq il-vettura assikurata mis-socjeta` attrici (hekk ukoll, ir-rapport tal-Pulizija Ezekuttiva anness mal-avviz) filwaqt li l-intimat Stockdale huwa indikat fl-avviz bhala l-inkwilin u l-intimata Zammit hija indikata bhala s-sub-inkwilina tal-istess fond. Ilkoll jistghu u ghandhom jigu ritenuti responsabbli fil-konfront tas-socjeta` attrici ghad-danni sofferti minnha tenut kont l-obbligi rispettivi taghhom fir-rigward tal-proprjeta` li wasslet ghal tali danni. Id-danni mertu tal-kawza jinsabu wkoll konfermati mid-dokumenti annessi mal-avviz, tant illi s-somma reklamata hija anke inqas minn dik indikata fis-*survey report*, u wkoll mix-xhieda moghtija minn Dr. Joseph Zammit li ddeskriva kif il-hsara sofferta mill-vettura tieghu kienet naxxenti minn hgieg li waqa' fuq il-vettura tieghu. L-imghaxijiet fuq is-sorte ghandhom jibdew jiddekorru mid-data li fiha l-intimati kollha kienu notifikati bl-atti ta' din il-kawza senjatament it-28 ta' Marzu, 2019.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici is-somma mitluba ta' disa' mija hamsa u hamsin euro u tmienja u erbghin centezmi (€955.48) rapprezentanti kumpens ghad-danni sofferti mis-socjeta` attrici bhala konsegwenza tal-incident datat tnejn (2) ta' Jannar, 2018 u li ghalih huma responsabbli l-istess intimati bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Marzu, 2019 kontra l-istess intimati.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**